SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 07/K10/24

Data tal-laqgħa: 5 ta' Novembru 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
David Caruana – Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele– Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (7)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

07.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**07.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

07.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 05/K10/24

07.2.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġibed l-attenzjoni dwar il-punt 5.4 sabiex jiġu rranġati il-Minuti biex il-Kunsilliera għat-tender ikunu s-Sindku Guido Dalli, l-Kunsillier Victor Vella, kif ukoll l-Kunsillier Carlo Mifsud. Dan sabiex jkunu jirriflettu t-tibdiliet li saru matul ix-xahar.

07.2.03 Il-Kunsillier Victor Vella ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

07.2.04 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ssekondah fl-approvazzjoni.

07.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.2.06 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 06/K10/24

07.2.07 Il-Kunsillier David Caruana ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

07.2.08 Il-Kunsillier Mario Amaira ssekondah fl-approvazzjoni.

07.2.09 Il-Kunsill qabel unanimament

**07.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

07.3.01 Iċ-Ċermen ressaq l-*Internal Memo* no. 2/2024 għal attenzjoni tal-Kunsilliera (kopja mehmuża 'A') Wara diskussjoni ġie deċiż jitneħħa t-tielet paragrafu u ngħatat kopja emendata lill-Kunsilliera kollha waqt il-laqgħa kif ukoll ntbagħtet kopja lilhom bil-posta elettronika.

07.3.02 Il-Kunsillier Victor Vella ġie skużat at 5.40p.m.

07.3.03 Iċ-Ċermen ressaq il-punt tal-post li sar mill-Kunsillier David Caruana fuq il-mezzi tal-midja soċjali:

- Dwar il-punt ta-CCTV, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat lista ta' fejn hemm il-cameras f'San Giljan filwaqt li s-Sindku ta spjegazzjoni li sena ilu fil-Paceville Towns Committee thabbar li l-Ministru wieghed li kien ser jallokka flus biex jsiru CCTV cameras ma Paceville kollu. Fil-fatt dan kien thabbar

ukoll fil-budget tas-sena li ghaddiet. Hu qal, li wara li ghaddiet sena dawn l-cameras ghal xi raguni baqghu ma sarux u fil-budget ta din is-sena ma regghux ssemew.

- Fir-rigward l-Bye-law tal-ħamiem, din ser tkun qed tiġi diskussa aktar tard.

- Dwar Triq Lapsi, ċ-Ċermen qara l-email li l-Kunsill irċieva mingħand is-Supretendent Camilleri, madanakollu ġie deċiż li l-Kunsill jimxi mad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-laqgħat preċedenti u ssir laqgħa mas-Supritendent dwar l-għeluq ta' din it-triq. Il-Kunsilliera għandhom jkunu jafu bid-data u l-ħin ta' din il-laqgħa sabiex min ikun jista' jattendi.

- Trejqet il-Bajja, ġie deċiż li għalissa tibqa kif inhi bi prova.

- Ġnien Spinola – iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li wara laqgha li kellu mal-FTZRA, inghata l-inkarigu li jiehu r-ritratti u jigbor stimi dwar l-irrangar ta' dan il-gnien. Hu wieghed li sa' laqgha ohra jingiebu l-istimi u x'ser issir fil-gnien. Wieghed ukoll li ser jipprova jara kif tista ssir lattrina pubblika. Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-ġnien ser jibqa' l-istess strutturalment.

- Fuq il-punt dwar il-gyms, iċ-Ċermen qal li la fil-gnien diga hemm zewg gyms ma taghmilx sens li jkun hemm it-tielet wiehed. Il-Kunsillier David Caruana, ccara li ghalinqas nistghu iz-zewg gyms li hemm jitnehha l-aparat l-antik u jigi mibdul ghal gdid, dejjem jekk il-Kunsill ma jidholx fi spejjez. Il-Kunsillier Carlo Mifsud jemmen li gyms huma tajbin u għalhekk għandu jinstab alternattiva sabiex ma narmux t-tagħmir li diġà għandha. Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li jsir fejn il-monument tal-Pritz għalhekk ġie deċiż li l-Kunsill jsejjaħ laqgħa mal-bulletproof.

- Dwar il-punt tat-tindif tat-toroq mill-Clean Malta, ċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill ma jistax jwaqqaf il-kuntratt preżenti.

- Fir-rigward il-punt tal-ħaddiema tal-Kunsill, iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li din is-sejħa qeda għand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali. Hu ssuggerrixxa li ghalissa din is-sejha ghandha tiqaf u jinhareg tender ghal sena u jigedded ghal tlett snin (kull sena) għal-xufier tal-karozza tal-anzjani. Fit-tender ghandhu jkun inkluz li jekk min jiehu t-tender ma jipprovdix x-xufier skond l-iskeda, ghandhu jitqabbad taxi privata u din titnaqqas mill-ammont li jithallas

fl-ahhar tax-xahar. Gie deciz ukoll li tinhareg sejha ghal haddiem tal-manutezzjoni wiehed fuq bazi full-time. Il-Kunsill qabel unanimament fuq dawn iz-zewg decizjonijiet.

07.3.04 Il-Kunsillier Victor Vella wasal fis-6.36p.m.

07.3.05 Iċ-Ċermen ressaq il-punt tal-Bye-law tal-ħamiem. Ġie deċiż li din tintbagħat lill-Kunsilliera u tingħata ċans ġimgħa sabiex jiġu proposti t-tibdiliet neċessarji. F'każ li l-Kunsill ma jirċievi l-ebda notifika, dan ikun ifisser li l-Kunsill jaqbel mal-bye-law kif inhuma proposti u ghandhom jergghu jintbaghatu lill-Avukat tal-Kunsill.

07.3.06 Fir-rigward id-dar abbandunata ta' Triq Ross li kien qed jintefa ħafna skart fil-parapett, il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntrattur għalaq l-aċċess għal din id-dar.

07.3.07 Tqajjem il-punt dwar il-culverts fil-lokalita. Ic-Cermen gibed l-attenzjoni li l-culverts tlestu kollha pero fejn ghadhom ma sarux ser tigi mixtrija ghodda specjali biex dawn ikunu jistghu jinfethu u jitnaddfu kif suppost.

07.3.08 Dwar il-kuntratt tal-Ġnien Anton Sciberras, ġie deċiż li l-korrispondenza li l-Kunsill ircieva mingħand l-Avukata tintbagħat lill-kunsilliera għal-attenzjoni tagħhom u li din ser tigi diskussa waqt laqgha informali tal-Kunsill dwar il-gnien.

07.3.09 Iċ-Ċermen qara l-email li ntbaghatet lid-dipartiment tax-xogħlijiet fir-rigward id-dwal taz-Zebra Crossings, u ġie deċiż li din tintbagħat lill-kunsilliera.

07.3.10 Tqajjem il-punt dwar il-Ġnien Saver Zarb u l-Kunsill ġie nfurmat li xogħol miexi u bħalissa qiegħed jitwaħħal l-paving blocks.

07.3.11 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attività ta' Fr. Hilary mhux ser issir minħabba s-saħħa tiegħu, madanakollu għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Wellbees għad-donazzjoni li saret lill-Fr. Hilary sabiex ikun jista' jkompli jgħin lill-persuni fil-bżonn.

07.3.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-kor Amadeus mhux ser ikun qed jagħmel l-wirja tiegħu f'San Ġiljan għalhekk il-Kunsill iħoss li dment li din il-wirja mhux ser issir f'San Ġiljan, il-Kunsill m'għandux għalfejn jgħinu.

07.3.13 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand l-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq. Ġie deċiż unanimament li għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq it-Tamal biex jiffirmaw jekk

m'ghandhomx oġġezzjoni li tinbidel l-isem tat-triq għal Triq Karl Gouder. Ġie deċiż ukoll li jiġi propost l-isem 'Daħlet San Giljan' għat-triq bla isem li min Triq Sant 'Andrija tmur għal Triq Santu Wistin.

07.3.14 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li tħallas u sar l-appell mill-Kunsill fuq il-każ ta' Sirdar house fi Triq il-Kbira.

07.3.15 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit Pullicino issottometta l-karti l-ġodda li ġew mitluba għall-proġett ta' Vjal Kulħadd.

07.3.16 Il-Kunsilliera preżenti ġew nfurmati li l-graffiti li kienu saru ħdejn il-Westin Dragonara ġew mnaddfa però dawn il-ħadid m'għandhomx jitneħħew qabel jitlesta x-xogħol minħabba li l-periklu li jista' jinħoloq.

07.3.17 Iċ-Ċermen ressaq diversi kundizzjonijiet għall-ħaddiem tal-Kunsill li għandhom il-faċilita tat-teleworking ('Ara Appendiċi 'B'). Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet.

07.3.18 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tinħareġ sejħa għal-skrivan fuq bażi part-time minħabba li mpjegat tal-Kunsill qiegħed fuq *long sick-leave*.

07.3.19 Fir-rigward il-bye-law dwar id-dispensjoni tal-ilma wara l-awrina tal-klieb ġie deċiż li din tintbagħat lill-Kunsilliera u tingħata ġimgħa ċans sabiex jibagħtu l-emendi tagħhom. F'każ li l-Kunsill ma jirċievi l-ebda risposta din tkun titqies li l-Kunsilliera jaqblu mal-bye-law kif inhi u jkun jista' jitkompla l-proċess.

07.3.20 Wara li tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill l-email dwar il-kotba l-ġodda ta' Karamellu tar-raħal t'isfel, ġie deċiż unanimament li ghandhom jinxtraw 6 kopji ta' dan il-ktieb għal iskola ta' San Ġiljan kif ukoll 6 kopji għal iskola tas-Sacred Heart.

07.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament mat-talba li saret fir-rigward ix-Xummiemu Campaign. Din il-kaxxa għandha titpoġġa fuq il-bankina faċċata l-Wembley Garage.

07.3.22 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar ġemellaġġ mal-belt ta' Taiyuan ġewwa ċ-Ċina. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill għandhu juri l-interess tiegħu għal dan il-ġemellaġġ.

07.3.23 Il-Kunsill ġie preżentat b'korrispondenza u bi proposta għal bye-law fir-rigward in-naħal. Ġie deċiż unanimament li din il-

korrispondenza għandha tintbagħat lill-Kunsilliera għal-attenzjoni tagħhom.

07.3.24 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza mal-Project Green fir-rigward il-Ġnien ta' Ġiorni.

07.3.25 Il-Viċi Sindku Sean Gauci telaq fit-8.07p.m.

07.3.26 Ic-Cermen ressaq l-korrispondenza li rcieva minghand Project Green dwar il-Gnien ta' Giorni. Dan il-hin il-Kunsilliera Victor Vella u l-Vici Sindku Sean Gauci ghaddew kumment li dawn il-laqghat saru min wara dar il-Kunsill. Dak il-hin il-Vici Sindku Sean Gauci hareg mil-laqgha. Il-Kunsillier Carlo Mifsud ta' spejgazzjoni fejn qal li l-laqghat li saru ma Project Green ma kienu bl-ebda mod kontra is-Sindku, l-Kunsilliera, jew il-Kunsill in generali. Wara diskussjoni fuq dan is-suggett, ic-Cermen issuggerrixxa li ghal darbohra, meta jsiru laqghat bhal dawn il-Kunsill ghandhu jkun jaf minn qabel biex b'hekk il-Kunsill ikun jaf x'qed jigri. Il-Kunsillier Mifsud talab li tintbaghtlu kopja tal-email li l-Kunsill ircieva mingħand Project Green.

07.3.27 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza fir-rigward l-Kunsill tat-tfal. Ġie deċiż li għandha tintalab laqgħa sabiex tiġi diskussa aktar din il-materja. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri u Gabriel Borg Ferrando għandhom jkunu mistiedna għal din il-laqgħa.

07.3.28 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza fir-rigward tabelli li jinsabu fuq il-promenade ta' San Giljan. Ġie deċiż li din l-email għandha tiġi diskussa wkoll waqt il-laqgħa mas-Supritendent tal-Pulizija filwaqt li jiġi ċċekkjat mingħandu l-permessi neċessarji.

07.3.29 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal-iskema tal-finanzjament tal-Karnival.

07.3.30 B'riferenza għal-korrispondenza fir-rigward l-Bus Shelters, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaqbel li jinbidlu l-Bus Shelters msemmija fil-korrispondenza.

07.3.31 Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata t-talba mingħand il-Grupp tal-Ħbiberija.

07.3.32 Għal mistoqsija tal-Kunsillier David Caruana fir-rigward il-laqgħa pubblika, ċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-laqgħa pubblika ser issir fix-xhur ta' Jannar jew Frar, għalhekk għandhom jibdew jiġu preparati r-rapport Amministrattiv kif ukoll l-budget.

**07.4 Attivitajiet tal-Milied;**

07.4.01 Iċ-Ċermen ippropona li fl-okażżjoni tal-Milied tiġi organizzata ħarġa għal-anzjani kif ukoll tiġi organizzata ġurnata Għawdex.

07.4.02 Fuq suggeriment tal-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando gie deċiż ukoll li ssir ikla għal-persuni tal-lokalita fil-bżonn. Il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-Kappillan tal-Parrocca ta' San Giljan, Balluta u Fr. Martin tal-Millenium Chapel biex dawn jaghtuna lista ta' nies li haqqhom jattendu ghal din l-ikla. Il-Kunsill għandu jressaq proposta lill-kuntratturi sabiex min ikun jixtieq ikun jista' jgħin f'din l-attività. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jingħataw xi ġugarelli għat-tfal waqt xi attivita oħra.

07.4.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-ikla tal-Milied tal-kunsill għandha ssir nhar is-Sibt 4 ta' Jannar 2025. Għal din l-ikla għandhom ikunu mistiedna l-Kunsilliera kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsill flimkien ma' mistieden. Filwaqt li wara l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, ser ssir bibita żgħira.

**07.5 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

07.5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. sa (Ara Appendiċi 'Ċ').

07.5.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**07.6 Skeda tal-Pagamenti**

07.6.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'D').

07.6.02 Il-Kunsillier David Caruana ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

07.6.03 Il-Kunsillier Carlo Mifsud issekondah fl-approvazzjoni.

**07.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

07.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2024 fil- 5.00p.m.

07.7.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Cher Carmen Fenech** |
| **Ċermen** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:  10 ta' Diċembru 2024**